**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 1 ta' Gunju, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur Matthew Vella)**

**-vs-**

**Andre' Scerri detentur tal-karta tal-identità 421073M**

Kumpilazzjoni Nru: 739/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Andre Scerri** talli:

1. F'Ġunju tal-2014 u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnek fi żmenijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, minn ġewwa l-ħanut tiegħu 'Vet Medics', ġewwa Triq Edgar Bernard, Gżira, ikkommetta serq ta' elettriku għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jaqbeż €2329.32;

2. Fl-istess perjodu, ikkorrompa uffiċjal jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, dan l-istess uffiċjali jew impjegat fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

3. Fl-istess perjodu kkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew ikkorrompa u kien kompliċi ma' impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, liema impjegat sew jekk ma kellux jedd li jesiġi flu sjew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi;

4. Fl-istess perjodu kkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjali jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat għal xi vantaġġ priovat tiegħu jew għall-benefiċċju a' xi persuna jew entità oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal- privat, karti tal-kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 42, 43, 115(1)(c), 116, 119 u 120(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikoli 42, 43, 112 u 114 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikoli 42, 43 u 127(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iv) Fl-artikoli 17, 18, 31, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat gie akkuzat b'diversi akkuzi ta' korruzjoni ta' ufficjali jew impjegati pubblici kif ukoll dwar serq ta' kurrent elettriku a dannu tal-kumpanija Enemalta.

Illi mill-atti processwali jirrizulta biss li l-meter ma kienx qed jaqra l-konsum registrat fuq il-*yellow phase* u ghalhekk nibet is-suspett li kien gie *tampered.*[1] Madanakollu nhar il-15 ta' Jannar, 2016, giet prezentata rinunzja ghall-kwerela maghmula originarjament mill-Enemalta u dan wara li kien intlahaq ftehim mal-imputat fejn l-ammont ta' konsum ta' dawl mhux registrat, gie mhallas.[2]

Illi ma ngiebet ebda prova sabiex mqarr remotament tissostanzja l-imputazzjonijiet l-ohra dwar korruzzjoni hekk kif migjuba fil-konfront tal-imputat.

Ghaldaqstant abbazi ta' dawn il-konsiderazzzjonijiet l-imputat qed jigi lliberat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta' provi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[1] Fol.56
[2] Fol.138-40,